


Divorzju u separazzjoni legali



Il-kontenut ipprovdut minn

European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 X'inhuma l-kundizzjonijiet għall-ksib ta' divorzju?

Il-liġi Bulgara tirrikonoxxi l-forom segwenti għax-xoljiment taż-żwieġ permezz ta' divorzju:

- id-divorzju permezz ta' kunsens reċiproku - leġiżlazzjoni prevista permezz tal-Artikolu 50 u 51 tal-Kodiċi tal-Familja (Semeen kodeks);
- id-divorzju kontenzjuż abbażi ta' tkissir serju u irrimedjabbli taż-żwieġ skont l-Artikolu 49 tal-Kodiċi tal-Familja;
- id-divorzju kontenzjuż abbażi ta' tkissir serju u irrimedjabbli ta' żwieġ, mingħajr ma jiġi deċiż dwar il-kwistjoni ta' mingħandu tort, permezz tas-sottomissjoni ta' ftehim bejn il-konjuġi skont l-Artikolu 49(4) tal-Kodiċi tal-Familja;

F'każ ta' divorzju permezz ta' kunsens reċiproku, iż-żewġ konjuġi jagħmlu talba konġunta lill-qorti distrettwali (Rayonen sad), li permezz tagħha huma jippreżentaw il-ftehim skont l-Artikolu 50 tal-Kodiċi tal-Familja. F'dan il-ftehim, il-konjuġi jridu jsoġġu l-kwistjonijiet dwar il-post tar-residenza tat-tfal, l-eżerċizzju tad-dritt ta' kustodja, id-dritt ta' aċċess u d-dritt għall-manteniment tat-tfal, kif ukoll il-likwidazzjoni tal-proprjetà, l-użu tad-dar konjugali, il-manteniment bejn il-konjuġi u l-kunjom. Il-ftehim irid ikun aċċettat mill-qorti wara li tkun ivverifikat jekk l-interessi tat-tfal għewx protetti. Jekk il-qorti tqis li l-ftehim mhuwix komplut jew li l-interessi tat-tfal mhumiex protetti sewwa, il-qorti tistabbilixxi terminu ta' żmien sabiex dawn l-irregolaritajiet jiġu rrimedjati. Jekk dawn l-irregolaritajiet ma jiġux irrimedjati fit-terminu stipulat, il-qorti tiċħad it-talba għad-divorzju.

F'każ ta' divorzju kontenzjuż abbażi ta' tkissir serju u irrimedjabbli taż-żwieġ, it-talba ssir minn waħda mill-konjuġi. Il-qorti kompetenti sabiex teżamina t-talba hija l-qorti distrettwali tal-post tar-residenza tal-parti konvenuta. Il-qorti hija meħtieġa li tiddeċiedi fuq l-inizjattiva tagħha stess dwar il-kwistjoni tat-tort għat-tkissir taż-żwieġ u l-eżerċizzju tad-dritt ta' kustodja, id-dritt ta' aċċess u d-dritt għall-manteniment tat-tfal imwiġda fiż-żwieġ, l-użu tad-dar konjugali, il-manteniment bejn il-konjuġi u l-użu tal-kunjom tar-raġel. Dawn ir-regoli japplikaw jekk il-partijiet ma jkunux ikkonkludu kuntratt taż-żwieġ li jirregola r-relazzjonijiet fuq imsemmija fil-każ ta' divorzju.

F'każ ta' divorzju kontenzjuż, il-konjuġi jistgħu jiddikjaraw li huma laħqu ftehim li permezz tiegħu huma obbligati li jiftehmu dwar kwistjonijiet dwar id-dritt ta' kustodja, id-dritt ta' aċċess u d-dritt għall-manteniment tat-tfal imwiġda fiż-żwieġ, kif ukoll il-likwidazzjoni tal-proprjetà, l-użu tad-dar konjugali, il-manteniment bejn il-konjuġi u l-użu tal-kunjom tar-raġel. Il-qorti tiddeċiedi dwar il-kwistjoni tat-tort biss jekk il-parti jew il-partijiet fil-kawża titlobha/jitolbuha espressament tagħmel dan, iżda hija obbligata tistabbilixxi xorta waħda li jeżistu motivi għax-xoljiment taż-żwieġ, jiġifieri tkissir serju u irrimedjabbli.

2 X'inhuma r-raġunijiet għal divorzju?

F'każ ta' divorzju permezz ta' kunsens reċiproku:

Id-deċiżjoni li tawtorizza d-divorzju permezz ta' kunsens reċiproku tittieħed abbażi ta' kunsens reċiproku, serju u

ferm għax-xoljiment taż-żwieġ iddikjarat mill-konjuġi. Il-qorti ma teżaminax il-motivi tal-konjuġi għax-xoljiment taż-żwieġ.

F'każ ta' divorzju kontenzjuż:

Id-deċiżjoni li tawtorizza d-divorzju kontenzjuż tittieħed abbażi ta' tkissir serju u irrimedjabbli taż-żwieġ. Mhemmx definizzjoni legali ta' "tkissir serju u irrimedjabbli taż-żwieġ" (dalboko i nepopravimo razstroystvo na braka). Skont id-dottrina u l-ġurisprudenza interpretattiva tal-Qorti Suprema ta' Kassazzjoni (Varhoven kasatsionen sad), jeżisti tkissir serju u irrimedjabbli taż-żwieġ meta r-rabta konjugali teżisti formalment, iżda hija totalment imċaħħda mis-sustanza tagħha kif preskritta mil-liġi u l-morali. It-tkissir serju u irrimedjabbli taż-żwieġ hija sitwazzjoni oġġettiva li għandha tiġi stabbilita f'kull każ partikolari. Il-mezzi kollha tal-provi, inkluż l-evidenza orali, huma ammissibbli. Il-liġi ma tistipulax kundizzjonijiet assoluti għal tkissir serju u irrimedjabbli taż-żwieġ. Il-każistika taċċetta bħala tali, għalkemm din il-lista mhijiex eżawrenti, l-adulterju, is-separazzjoni twila de facto, l-abbuż tal-alkoħol u l-abbuż ta' stupefjanti oħrajn, il-krudeltà fiżika u mentali kif ukoll l-abbandunar tal-familja. Il-Kodiċi tal-Familja ġdid ma jirrikjedix aktar li l-qorti tiddeċiedi fuq l-inizjattiva tagħha stess dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw ix-xoljiment taż-żwieġ, bl-eċċezzjoni ta' każijiet li fihom il-parti jew partijiet ikunu espressament talbu li tingħata deċiżjoni dwar din il-kwistjoni. Madankollu, fin-nuqqas ta' ftehim, il-kwistjoni ta' mingħandu tort tibqa' deċiżiva għal deċiżjoni dwar l-eżerċizzju tad-dritt ta' kustodja, id-dritt ta' aċċess u l-manteniment tat-tfal li twieldu fiż-żwieġ, kif ukoll l-użu tad-dar konjugali.

3 X'inhuma l-konsegwenzi legali ta' divorzju f'dak li jirrigwarda:

3.1 ir-relazzjonijiet personali bejn il-konjuġi (pereżempju l-kunjom)?

Wara d-divorzju, il-qorti tista' żżomm il-kunjom taż-żwieġ jew tirrestawra l-kunjom ta' qabel iż-żwieġ ta' wieħed mill-konjuġi fuq talba tiegħu. Il-konjuġi l-ieħor ma jistax jopponi t-talba għaż-żamma tal-kunjom konjugali jew għaż-żamma tal-kunjom taż-żwieġ.

3.2 il-qsim tal-proprjetà tal-konjuġi

Il-Kodiċi tal-Familja ġdid jistipula numru ta' reġimi tal-proprjetà matrimonjali possibbli matul iż-żwieġ: ir-reġim legali tal-proprjetà matrimonjali; ir-reġim legali tas-separazzjoni tal-akkwisti; u r-reġim kuntrattwali.

1. Ir-reġim legali tal-proprjetà matrimonjali hija l-koproprietà indiviżibbli fuq l-assi kollha, inkluż il-flus depożitati, miksuba matul iż-żwieġ. Dawn l-assi jappartjenu liż-żewġ konjuġi, irrispettivament minn f'isem min inxtraw, jekk ġew akkwistati permezz ta' kontribuzzjoni komuni miż-żewġ konjuġi. Il-kontribuzzjoni konġunta tal-konjuġi tista' tiegħu l-forma ta' investiment ta' riżorsi u xogħol, kura għat-tfal u xogħol fid-dar. Il-kontribuzzjoni konġunta hija preżunta suġġetta għall-prova tal-kuntrarju. Skont il-Kodiċi tal-Familja fis-seħħ (adottat fl-2009), id-depożiti ta' flus m'għadhomx jikkostitwixxu proprjetà ta' komunità matrimonjali.

Il-beni personali ta' kull wieħed mill-konjuġi jikkonsistu fil-beni miksuba qabel iż-żwieġ, kif ukoll dawk miksuba matul iż-żwieġ permezz ta' suċċessjoni u ta' donazzjoni. Il-beni mobbli miksuba minn konjuġi matul iż-żwieġ għall-użu personali tiegħu jew għall-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu jikkonsistu fi proprjetà privata.

Wara d-divorzju, il-proprjetà matrimonjali hija trasformata fi proprjetà normali.

2. ir-reġim tas-separazzjoni tal-akkwisti:

Id-drittijiet miksuba minn kull wieħed mill-konjuġi matul iż-żwieġ huma parti mill-pussess personali tiegħu, iżda f'każ ta' xoljiment taż-żwieġ permezz ta' proċedura kontenzjuża, kull konjuġi huwa intitolat li jirċievi parti mill-valur tal-beni akkwistati mill-parti l-oħra matul iż-żwieġ safejn huwa jkun ikkontribwixxa permezz tax-xogħol tiegħu, il-mezzi finanzjarji tiegħu, il-kura tat-tfal, ix-xogħol fid-dar jew b'mod ieħor. L-ispejjeż għall-issodisfar tal-bżonnijiet tal-familja jitħallsu miż-żewġ konjuġi; il-konjuġi huma responsabbli in solidum għall-obbligi assunti għall-bżonnijiet kurrenti tal-familja.

3. ir-reġim kuntrattwali;

Skont il-Kodiċi tal-Familja ġdid, il-konjuġi jistgħu jikkonkludu kuntratt taż-żwieġ, li hija possibbiltà ġdida offruta mil-liġi Bulgara. Il-konjuġi jistgħu jikkonkludu kuntratt taż-żwieġ qabel jew matul iż-żwieġ. Il-kuntratt taż-żwieġ

huwa limitat għal ftehim dwar id-diviżjoni tal-proprjetà bejn il-partijiet, bħal: id-drittijiet tal-partijiet għall-proprjetà akkwistati matul iż-żwieġ; id-drittijiet tal-partijiet għall-proprjetà li kienet tappartjeni lilhom qabel iż-żwieġ; il-mod kif il-proprjetà, inkluż id-dar matrimonjali, hija ġestita u trasferita; il-qsim tal-ispejjeż u tal-obbligi bejn il-partijiet; il-konsegwenzi relatati mal-proprjetà fil-każ ta' divorzju; il-manteniment tal-konjuġi matul iż-żwieġ u fil-każ ta' divorzju; il-manteniment tat-tfal imwielda fiż-żwieġ. Ftehim li jittrasforma kull proprjetà akkwistata qabel iż-żwieġ ta' waħda mill-partijiet fi proprjetà konjugali huwa inammissibbli. Kuntratt taż-żwieġ ma jistax jikkontjeni provvedimenti dwar arranġamenti f'każ ta' mewt, ħlief fir-rigward tal-ishma tal-konjuġi f'każ ta' xoljiment miftiehem tal-komunità tal-akkwisti. Ir-reġim legali tal-proprjetà matrimonjali japplika għar-relazzjonijiet patrimonjali li ma jiġux irregolati fil-kuntratt taż-żwieġ.

Irrispettivament mir-reġim magħżul mill-konjuġi, ir-reġim ġenerali japplika għat-trasferiment tad-dar matrimonjali, jiġifieri meta d-dar matrimonjali tikkostitwixxi l-proprjetà privata ta' wieħed mill-konjuġi, it-trasferiment jirrikjedi l-kunsens tal-konjuġi l-ieħor sakemm iż-żewġ konjuġi ma għandhomx dar oħra li hija l-proprjetà komuni jew il-proprjetà personali ta' kull wieħed minnhom. Fin-nuqqas ta' kunsens, l-att ta' trasferiment jiġi effettwat bl-awtorizzazzjoni tal-qorti distrettwali jekk jiġi ppruvat li dan mhuwiex għad-detriment tat-tfal li għadhom ma sarux adulti u għall-familja. Meta jingħata divorzju, jekk id-dar matrimonjali ma tistax tiġi użata separatament miż-żewġ konjuġi, il-qorti tagħti l-użu tagħha lill-waħda mill-partijiet jekk hija tkun talbet għal dan u jekk ikollha bżonn ta' akkomodazzjoni. Meta jkun hemm tfal minuri mwielda miż-żwieġ, il-qorti tiddeċiedi ex officio dwar l-użu tad-dar matrimonjali, u l-qorti tista' tagħti l-użu tagħha lill-parti li lilha jingħata d-dritt tal-kustodja, sakemm dan id-dritt jiġi eżerċitat.

Wara d-divorzju, l-ekskonjuġi jjeqfu jkunu l-werrieta legali ta' xulxin u jutilfu l-vantaġġi kollha li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet f'każ ta' mewt magħmula preċedentement. Wara d-divorzju, id-donazzjonijiet ta' beni ta' valur sinifikattiv magħmula f'rabta maż-żwieġ jew matul iż-żwieġ minn wieħed mill-konjuġi jew mill-qraba tagħhom lill-konjuġi l-ieħor jistgħu jiġu rrevokati, ħlief jekk dan imur kontra l-moralità pubblika. Ir-rikors għall-annullament tad-donazzjoni jista' jitressaq qabel l-iskadenza ta' perjodu ta' sena mill-għoti tad-divorzju.

Ir-reġim legali tal-proprjetà matrimonjali japplika meta l-persuni li sejrjn jidħlu għaż-żwieġ ma għażlux reġim ta' relazzjonijiet patrimonjali, kif ukoll meta huma jkunu minuri jew persuni b'kapaċità legali limitata. Ir-reġim ta' relazzjonijiet patrimonjali jiġi rreġistru tar-relazzjonijiet patrimonjali tal-miżżewġin. Ir-reġim ta' relazzjonijiet patrimonjali jista' jiġi mmodifikat matul iż-żwieġ. Il-modifika hija msemmija fl-att ta' żwieġ ċivili u fir-reġistru. Il-kuntratti taż-żwieġ u r-reġim legali applikabbli huma rreġistrati f'reġistru elettroniku ċentrali tal-Aġenzija tar-Reġistri. Ir-reġistru huwa pubbliku. F'każ ta' tranżazzjoni bejn parti waħda mill-konjuġi jew it-tnejn li huma ma' parti terza, meta fir-reġistru ma jissemmix ir-reġim ta' relazzjonijiet patrimonjali, ir-reġim legali tal-proprjetà matrimonjali huwa applikabbli.

3.3 it-tfal minorenni tal-konjuġi

It-terminu legali adottat mil-leġiżlazzjoni Bulgara huwa "l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-ġenituri" (yprazhnyavane na roditelski prava).

Bid-deċiżjoni tagħha ta' xoljiment taż-żwieġ permezz ta' divorzju, il-qorti trid tiddeċiedi dwar il-kwistjonijiet li jirrigwardaw id-dritt ta' kustodja, id-dritt ta' aċċess u l-manteniment tat-tfal imwielda fiż-żwieġ, kif ukoll l-użu tad-dar matrimonjali. Meta tagħmel dan, hija tiegħu kont tal-interessi tat-tfal. Il-qorti tiddeċiedi lil liema parti mill-konjuġi tagħti d-dritt ta' kustodja, tistabbilixxi l-miżuri dwar l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet, il-kuntatti bejn it-tfal u l-ġenituri u l-manteniment tat-tfal. Sabiex tiddetermina liema ġenitur jingħata d-dritt ta' kustodja, il-qorti tevalwa ċ-ċirkustanzi kollha li jirrigwardaw l-interessi tat-tfal, tisma' lill-ġenituri u t-tfal jekk huma jkollhom aktar minn għaxar snin.

3.4 l-obbligu ta' ħlas tal-manteniment lill-konjuġi l-ieħor?

Skont l-Artikolu 83 tal-Kodiċi tal-Familja, il-manteniment jingħata biss lill-konjuġi li mhuwiex fit-tort għad-divorzju. Il-manteniment jiġi tliet snin wara x-xoljiment taż-żwieġ, sakemm il-partijiet ma jkunux qablu dwar perjodu itwal. Il-qorti tista' testendi dawn il-perjodi jekk l-ekskonjuġi li jirċievi l-manteniment huwa f'sitwazzjoni partikolarment gravi u jekk il-konjuġi l-ieħor jista' iħallas il-manteniment mingħajr diffikultajiet kbar. Id-dritt tal-ekskonjuġi għall-manteniment jintemm meta jerġa' jiżżewweġ. Fil-prattika, il-każijiet li fihom l-ekskonjuġi jingħataw jew jiġi ordnati jħallsu l-manteniment huma estremament rari.

4 F'termini prattiċi, xi jfisser it-terminu legali "separazzjoni ġudizzjarja"?

Il-kunċett ta' separazzjoni legali ma jeżistix fil-leġiżlazzjoni Bulgara attwali.

Fil-ġurisprudenza, is-separazzjoni de facto tfisser biss li l-konjuġi mhuma la jgħixu flimkien u lanqas mhuma jaqsmu l-istess abitazzjoni. Din ma għandhiex l-istess tifsira bħal "separazzjoni legali".

5 X'inhuma l-kundizzjonijiet għal separazzjoni ġudizzjarja?

Ara l-punt 4.

6 X'inhuma l-konsegwenzi legali ta' separazzjoni ġudizzjarja?

Ara l-punt 4.

7 Fil-prattika, xi jfisser it-terminu "annullament taż-żwieġ"?

Il-liġi Bulgara fis-seħħ tuża t-terminu "annullament taż-żwieġ". It-terminu użat fil-leġiżlazzjoni Bulgara attwali huwa "l-annullament taż-żwieġ" (ynishtozhavane na braka). L-annullament taż-żwieġ huwa wieħed mill-mezzi ta' xoljiment taż-żwieġ. Iż-żwieġ annullabbli għandu l-effetti legali kollha ta' żwieġ validu sax-xoljiment tiegħu permezz ta' proċedura ġudizzjarja. L-annullament taż-żwieġ jista' isir biss permezz ta' proċedura ġudizzjarja: ħadd ma jista' jipprevali ruħu min-nullità taż-żwieġ sakemm l-annullament ma jiġix ordnat mill-qorti.

8 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jingħata annullament taż-żwieġ?

Sabiex żwieġ jiġi annullat, parti waħda mill-konjuġi trid tkun persuna li:

- kellha inqas minn tmintax-il sena meta ġie ċċelebrat iż-żwieġ, jew kellha iktar minn sittax-il sena, iżda ż-żwieġ sar mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-qorti;
- għadha miżżewġa lil persuna oħra;
- ġiet iddikjarata bħala legalment inkapaċi jew bħala li tbatu minn mard mentali jew diżabbiltà mentali li jikkostitwixxu raġunijiet sabiex tiġi ddiġjarata bħala legalment inkapaċi;
- tbatu minn mard li jipperikola serjament il-ħajja jew is-saħħa tat-tfal jew il-konjuġi l-ieħor, ħlief jekk il-marda hija perikoluża biss għall-konjuġi l-ieħor u jekk jaf dwar dan;
- hija axxendenti jew dixxendenti diretta tal-konjuġi l-ieħor;
- hija waħda mill-aħwa, min-neputijiet jew minn qraba oħra fil-linja kollaterali, sar-raba' grad inkluż, tal-konjuġi l-ieħor;
- hija l-ġenitur adottiv jew ġiet adottata mill-konjuġi l-ieħor;
- ġiet sfurzata tikkonkludi ż-żwieġ wara li ġiet mhedda b'perikolu serju u imminenti għal ħajjitha, saħħitha jew l-unur tagħha jew dak tal-familja tagħha.

9 X'inhuma l-konsegwenzi legali ta' annullament taż-żwieġ?

Skont id-difett taż-żwieġ, ir-rikors għall-annullament jista' isir mill-konjuġi affettwat b'dan id-difett; kif ukoll mill-prokuratur, mill-konjuġi tal-ewwel żwieġ jew mill-prokuratur pubbliku u l-konjuġi. L-Artikolu 97 tal-Kodiċi tal-Familja telenka espressament u b'mod eżawrjenti l-persuni li huma intitolati jressqu rikors għall-annullament u t-termini ta' skadenza biex jagħmlu dan.

L-effetti tal-annullament taż-żwieġ huma identiċi għall-effetti tad-divorzju fir-rigward tar-relazzjonijiet personali u patrimonjali bejn il-konjuġi, kif ukoll fir-rigward tar-relazzjonijiet bejniethom u t-tfal. Għall-annullament ta' żwieġ, il-mala fede hija ekwivalenti għat-tort fil-każ ta' divorzju. It-tfal ikkonċepiti jew imwiolda matul iż-żwieġ annullat huma meqjusa bħala tfal leġittimi u jgawdu mill-preżunzjoni tal-paternità.

10 Hemm mezzi alternattivi mhux ġudizzjarji biex jissolvew il-kwistjonijiet

relatati mad-divorzju mingħajr il-bżonn ta' rikors il-qorti?

L-uniku mod ta' xoljiment taż-żwieġ permezz ta' divorzju huwa bit-tressiq ta' rikors jew billi ssir talba quddiem il-qorti.

F'każ fejn il-partijiet jirrikoxxu għall-medjazzjoni, il-kawża tiġi sospiża.

11 Fejn għandi nippreżenta r-rikors (petizzjoni) tiegħi għal divorzju/separazzjoni ġudizzjarja/annullament taż-żwieġ? Liema formalitajiet għandhom jitħarsu u liema dokumenti għandi nehmeż mar-rikors tiegħi?

Ir-rikorsi għal divorzju minħabba tort jew ir-rikorsi għal annullament taż-żwieġ huma ta' kompetenza tal-qorti distrettwali bħala qorti tal-ewwel istanza. L-istess qorti jeżaminaw ukoll it-talbiet ta' divorzju permezz ta' kunsens reċiproku. Ir-rikorsi għandhom jitressqu quddiem il-qorti tal-post ta' residenza tal-parti konvenuta. Il-qorti ma tivverifikax ex officio li hija għandha kompetenza territorjali, iżda hija obbligata li tirrinviija l-kawża lill-qorti kompetenti f'każ ta' oġġezzjoni mill-parti konvenuta mhux aktar tard mit-terminu previst għall-finijiet ta' risposta għar-rikors.

Il-parti li titlob id-divorzju hija meħtieġa li tidher personalment waqt is-seduta ta' smiġħ tal-qorti għal eżami tal-każ. F'divorzju kunsenswali, iż-żewġ partijiet għandhom jidheru personalment. Fin-nuqqas ta' dehra mingħajr raġuni valida, il-kawża tiġi miċħuda.

Ma tistax tingħata sentenza fil-kontumaċja f'każijiet matrimonjali.

12 Nista' ningħata għajjnuna legali biex inkopri l-ispejjeż tal-proċedura?

Il-partijiet jistgħu jiksbu għajjnuna legali skont il-kundizzjonijiet ġenerali għall-għotja tagħha. Dawn huma stipulati fil-liġi dwar l-għajjnuna legali (Zakon za Pravna Pomosht).

13 Huwa possibbli li deċiżjoni relatata ma' divorzju/separazzjoni ġudizzjarja/annullament taż-żwieġ tiġi appellata?

Id-deċiżjoni ta' divorzju permezz ta' kunsens reċiproku ma tistax tiġi appellata.

Id-deċiżjonijiet dwar ir-rikorsi għall-annullament taż-żwieġ u r-rikorsi għad-divorzju jistgħu jiġu appellati quddiem il-qorti provinċjali (Okrazhen sad) fiż-żewġ ġimgħat li jsegwu n-notifika tagħhom lill-parti. Id-deċiżjoni ta' divorzju tidħol fis-seħħ anki jekk din tiġi appellata fir-rigward tat-tort tal-parti.

14 X'għandi nagħmel biex deċiżjoni dwar divorzju/separazzjoni ġudizzjarja/annullament taż-żwieġ mogħtija minn qorti fi Stat Membru ieħor tiġi rikonoxxuta f'dan l-Istat Membru?

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, kif implementat permezz tal-Artikolu 621 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (Grazhdanski protsesualen kodeks), japplika f'dan il-każ. L-awtorità li quddiemha jitressqu sentenza jew strument ieħor tosserva dawn tal-aħħar abbażi ta' kopja duplikata awtentikata mill-qorti li tagħti s-sentenza u taċ-ċertifikat ta' akkumpanjament, fejn att tal-Unjoni Ewropea jkun jeħtieġ hekk. Is-sentenzi fi ħdan l-ambitu tal-Artikolu 21.2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000, jiġu rikonoxxuti mill-awtoritajiet ta' reġistrazzjoni kompetenti.

Il-parti interessata tista' titlob ir-rikonoxximent tas-sentenza skont il-proċedura tal-Artikolu 623 tal-GPK mill-qorti provinċjali b'ġurisdizzjoni fuq l-indirizz permanenti tal-parti opposta jew fuq l-uffiċċju reġistrat tagħha jew, meta l-parti li qed topponi ma jkollhiex indirizz permanenti jew uffuċċju rreġistrat fit-territorju tar-Repubblika tal-

Bulgarija, fuq l-indirizz permanenti jew l-uffiċċju rreġistrat tal-parti interessata. Meta l-parti interessata ma jkollhiex indirizz permanenti jew uffiċċju rreġistrat fit-territorju tar-Repubblika tal-Bulgarija, it-talba titressaq quddiem il-Qorti tal-Belt ta' Sofija.

15 F'liema qorti għandi nirrikorri biex nopponi għar-rikonoxximent ta' deċiżjoni dwar divorzju/separazzjoni ġudizzjarja/annullament taż-żwieġ mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor? Liema proċedura tapplika f'dawn il-każijiet?

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, kif implementat permezz tal-Artikoli 622 u 623 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, japplika f'dan il-każ.

Il-parti li toġġezzjona għar-rikonoxximent tad-deċiżjoni tista' tappella mill-ordni ta' rikonoxximent jew, jekk ikun il-każ, mill-ordni li jawtorizza l-eżekuzzjoni tagħha. Jista' jiġi ppreżentat appell mill-ordni quddiem il-Qorti tal-Appell ta' Sofija. Id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell ta' Sofia tista' tiġi appellata fuq punti ta' liġi biss fil-Qorti Suprema ta' Kassazzjoni.

16 Liema liġi tad-divorzju tiġi applikata mill-qorti fil-proċeduri ta' divorzju bejn konjuġi li ma jgħixux f'dan l-Istat Membru jew li huma ta' nazzjonalitajiet differenti?

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1259/2010 tal-20 ta' Diċembru 2010 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-liġi applikabbli għad-divorzju u għas-separazzjoni legali japplika f'dan il-każ.

F'każijiet fejn ir-Regolament imsemmi hawn fuq ma jkunx applikabbli, japplikaw ir-regoli stabbiliti mill-Kodiċi tad-Dritt Internazzjonali Privat (Kodeks na mezhdunarodnoto chastno pravo) (KMCP).

Il-liġi applikabbli għall-annullament ta' żwieġ hija dik tal-post fejn iż-żwieġ ġie konkluż.

Ir-relazzjonijiet personali bejn il-konjuġi huma rregolati permezz tad-dritt nazzjonali komuni. Meta l-konjuġi għandhom ċittadinanzi differenti, ir-relazzjonijiet tagħhom huma rregolati permezz tal-liġi tal-istat tar-residenza abitwali komuni tagħhom. Fin-nuqqas ta' dan, ir-relazzjonijiet tagħhom huma rregolati permezz tal-liġi tal-istat li miegħu ż-żewġ konjuġi għandhom l-eqreb rabtiet.

Ir-relazzjonijiet patrimonjali bejn il-konjuġi huma rregolati permezz tad-dritt applikabbli għar-relazzjonijiet personali tagħhom.

Id-divorzju bejn il-konjuġi tal-istess nazzjonalità barranija huwa rregolat permezz tad-dritt tal-Istat li tiegħu huma ċittadini meta jsir ir-rikors għad-divorzju. Id-divorzju bejn il-konjuġi ta' nazzjonalitajiet differenti huwa rregolat permezz tad-dritt tal-Istat li fih tinsab ir-residenza abitwali komuni tagħhom fil-mument meta jsir ir-rikors għad-divorzju. Meta l-konjuġi ma għandhom ebda residenza abitwali komuni, id-dritt Bulgaru huwa applikabbli.

Din il-paġna web hija parti minn [L-Ewropa Tiegħek](#).

Nilqgħu l-[feedback](#) tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.



L-aħħar aġġornament: 16/12/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-

avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.